# It-Tilqim

## Għaliex għandek tlaqqam lit-tfal tiegħek



# Werrej


It-Tilqim - Għaliex għandek tlaqqam lit-tfal tiegħek 2
Il-Poljo 4
Id-Difterite, it-Tetnu 5
Is-Sogħla Konvulsiva 6
Il-*Haemopilus influenza tybe b* (Hib) 7
Il-Pneumococcal Disease (PD) 8
L-*Epatite*, Il-Ħożba (*Measles*) 9
Il-Gattone (*Mumps*), Il-Ħożba Ġermaniża (*Rubella*) 10
Il-Ġidri r-Riħ (*Chicken Pox*) 11
L-Inflewenza (*Flu*) 12
Ir-*Rotavirus* 13
Il-*Meninigitis C* 14
L-HPV 15
Kif tista' tneħħi l-"ajma" mit-tilqim 16



**Dan il-ktejjeb huwa appoġġjat minn għotja edukattiva mingħajr restrizzjonijiet minn Wyeth. Wyeth issa hija parti minn Pfizer.**

L-informazzjoni miġbura mill-Kumitat li jagħti pariri fuq il-Politika ta' Immunizzazzjoni

L-ewwel darba ippubblikat f'April ta' 2010 mid-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard



Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard
5B, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104, www.sahha.gov.mt

Gvern ta' Malta
Segretarjat Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunità

# It-Tilqim
# Għaliex għandek tlaqqam lit-tfal tiegħek



**Hemm ħafna affarijiet li tista' tagħmel sabiex iżomm lit-tfal tiegħek b'saħħithom. Mod kif tista' tevita li t-tfal tiegħek jimirdu b'ċerta mard infettiv hu billi tara li jieħdu t-tilqim kollha li għandhom jieħdu.**

## X'inhuma t-tilqim?

It-tilqim jgħinu biex jipproteġu lill-ġisem mill-mard billi jtejbu jew joħolqu immunità (protezzjoni) kontra l-marda partikolari li għaliha tkun ingħatat it-tilqima. It-tilqim joħolqu immunità għaliex meta jidħlu fil-ġisem dan jarafhom bħala oġġetti barranin. Il-ġisem jattakkahom, jiddistruġġihom, u mbagħad "jiftakar" x'kienu. Għalhekk, meta l-ġisem jerġa' jiltaqgħa mal-marda fil-ħajja ta' kuljum ikun jista' jirrispondi b'mod immedjat peress li jattakka u jiddistruġġi ċ-ċelloli u billi jwaqqafhom milli jiżdiedu fin-numru, u b'hekk ikunu evitati l-infezzjonijiet.

## It-tarbija tiegħi m'għadiex żgħira wisq biex titlaqqam?

It-trabi tat-twelid jirċievu ftit immunità naturali mingħand l-omm fl-aħħar tlett xhur tat-tqala. Iżda din ma sservix għal ħafna żmien u b'hekk it-tfal ikunu f'riskju li jimirdu b'ħafna mard differenti. Għalhekk hemm bżonn li t-tfal inlaqqmuhom minn età żgħira. Skond ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija (WHO), il-programm tat-tlaqqim hawn Malta jibda' mill-età ta' bejn sitt u tmien ġimgħat. It-trabi li jitwieldu qabel iż-żmien (prematuri) huma f'riskju akbar li jimirdu milli huma t-trabi li jitwieldu meta jkun wasal iż-żmien u għandhom jitlaqqmu wkoll ta' l-istess età bħal trabi li jitwieldu meta jkun wasal iż-żmien (ie. bejn 6-8 ġimgħat wara li jitwieldu) skond l-iskeda li hi rrakkomandata.

## Kif nista' nkun ċert/a li t-tfal tiegħi jieħdu t-tilqim li għandhom bżonn?

Kun ċert/a li taf dwar l-iskeda għat-tlaqqim għat-tifel/tifla tiegħek li tibda' mill-età ta' bejn 6-8 ġimgħat. L-infermiera li tagħti t-tilqim jew it-tabib tiegħek jistgħu jgħinuk dwar din l-iskeda. Hija ħaġa tajba li żżomm rekord tat-tilqim kollha li tkun tajt lit-tifel/tifla tiegħek fil-"baby book" li jinkludi l-iskeda tal-vaċċini mill-età ta' sitt ġimgħat sas-sittax-il sena.

## Hemm bżonn ninkwieta jekk it-tfal tiegħi jitilfu appuntament?

Jekk it-tifel/tifla tiegħek j/titlef appuntament qis li tagħmel ieħor l-aktar fis possibbli. M'hemmx għalfejn terġa' tibda l-kors tat-tilqim mill-ġdid. Meta tmur iċ-ċentru tas-saħħa, jew għand it-tabib tiegħek fakkarhom li kontu tliftu appuntament sabiex l-iskeda tat-tifel/tifla terġa' titranġa kif suppost.

## Hemm xi raġuni għaliex m'għandix inlaqqam lit-tfal tiegħi?

It-tilqim jipproteġu lit-tfal minn mard serju iżda jekk ikunu ma jifilħux sew it-tilqima m'għandiex tingħata f'dak il-ħin. B'danakollu, ir-raġunijiet biex ma' tingħatax tilqima huma rari. Dejjem għandek tikkonferma mat-tabib tiegħek li t-tfal tiegħek jistgħu jieħdu t-tilqim li tkun se ttihom.

## Liema hu l-mard li jista' jkun evitat permezz tat-tilqim?

It-tfal jistgħu jkunu protetti mill-infezzjonijiet li għalihom teżisti tilqima. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tirrakkomanda dawn it-tilqim kollha u ħafna minnhom huma offruti b'xejn bħala parti mill-Programm Nazzjonali tat-Tilqim. It-tilqim ħafna drabi jipproteġu kontra marda waħda iżda jeżistu tilqim fejn ikun hemm kombinazzjoni ta' aktar minn tilqima waħda f'daqqa sabiex it-tfal jieħdu tilqima waħda biss li tipproteġihom kontra aktar minn marda waħda.

Ċerta tilqim iridu jingħataw aktar minn darba sabiex it-tfal ikollhom il-protezzjoni meħtieġa. L-intervall bejn id-dożi differenti ta' l-istess tilqima qiegħed sabiex ikun hemm biżżejjed ħin biex it-tfal irabbu immunità qawwija.

# 1) Il-Poljo

## X'inhi l-Poljo?

Il-Poljo hi marda kkawżata minn vajrus magħruf bħala *polio virus*.

## Il-Poljo x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

### Il-Poljo tista' tikkawża:

- Infezzjoni tar-rita li tiksi l-moħħ/in-nerv li jgħaddi fis-sinsla tad-dar (meninġite).
- Paraliżi, ħafna drabi tas-saqajn.
- Paraliżi tal-muskoli li jintużaw biex jittieħed in-nifs.
- Djufija fil-muskoli li tista' terġa' tiġi lura aktar tard fil-ħajja.
- Diżabbiltà li taffettwahom tul ħajjithom kollha.
- F'każijiet rari l-Poljo tista' tikkawża l-mewt.

Daż-żminijiet il-Poljo hija marda rari minħabba li t-tilqima qeda tingħata mad-dinja kollha. Iżda l-Poljo għadha preżenti f'ċerta partijiet tad-dinja għalhekk għandna nkomplu nipproteġu lit-tfal tagħna kontriha.

## Kif tinxtered?

Il-vajrus tal-Poljo jinstab fl-ippurgar u fil-bżieq tal-individwi li jkunu affettwati u jinxtered faċilment għall-idejn u għal oġġetti oħrajn.

## U dwar it-tilqima?

It-tilqima tal-Poljo s'issa tingħata bħala qtar fil-ħalq li fihom il-vajrus tal-Poljo li hu ħaj. Tlett dożi, li jingħataw erba' ġimgħat 'il bogħod minn xulxin, u żewġ *booster doses* fl-etajiet ta' 3 snin u ta' 16-il sena joffru protezzjoni fit-tul. Dalwaqt it-tilqima ser tinbidel għal waħda li fiha l-vajrus maqtul u li tingħata bħala injezzjoni, issoltu f'kombinazzjoni ma' tilqim oħrajn. In-numru ta' dożi u l-intervall bejn id-dożi ser ikunu l-istess bħal tal-qtar iżda l-ewwel *booster dose* tingħata fl-età ta' 18-il xahar.



## 2) Id-Difterite

### X'inhi d-Difterite?

Id-Difterite hi marda li hi kkawżata minn batterji.

### Id-Difterite x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

- Issoltu tibda' b'deni ħafif u uġigħ fil-griżmejn.
- Id-Difterite mbagħad tista' twassal għall-ibblukkar tal-pajp tan-nifs, ħsara fil-qalb, ħsara fil-kliewi, ħsara fin-nervituri, djufija fil-muskoli u paraliżi.

### Kif tinxtered?

Is-sogħla xxerred il-mikrobi fl-arja li dawn mbagħad jistgħu jinġibdu man-nifs ta' persuna li tkun suxxettibbli għall-marda.

### U dwar it-tilqima?

Il-kors primarju tat-tilqima jikkonsisti fi tlett dożi ta' tilqima li fiha d-Difterite. Wara mbagħad jittieħdu żewġ *booster doses*. It-tilqima tingħata fil-muskolu f'kombinazzjoni ma' tilqim oħrajn.

## 3) It-Tetnu

### X'inhi t-Tetnu?

It-Tetnu hi infezzjoni li hi kkawżata minn batterji li tista' tagħmel ħsara lill-muskoli kollha tal-ġisem. Hi magħrufa bħala "lockjaw" peress li wieħed mill-ewwel sintomi tal-marda huwa li jibbiesu l-muskoli tax-xedaq.

### Il-marda tat-Tetnu x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

It-Tetnu tikkawża spażmi fil-muskoli li jikkawżaw ħafna uġigħ u li jekk ma jkunux ikkurati kif suppost jistgħu iwasslu għall-mewt.

### Kif tinxtered?

- Il-mikrobu li jikkawża t-tetnu jinstab fil-ħamrija u fid-demel.
- Tfal li jkollhom qatgħat jew feriti jistgħu jimirdu biha jekk jiġu f'kuntatt mall-batterji tat-tetnu.

### U dwar it-tilqima?

Kors primarju ta' tlett injezzjonijiet jagħti protezzjoni tajba għal numru ta' snin. Ir-raba' u l-ħames dożi ('boosters') iżommu din il-protezzjoni għaddejja. Wara l-ħames doża, l-immunità sservi tul ħajtek kollha u ma jkollokx għalfejn tieħu *boosters* oħrajn. It-tilqima tingħata fil-muskolu f'kombinazzjoni ma' tilqim oħrajn.

# 4) Is-Sogħla Konvulsiva

## X'inhi s-Sogħla Konvulsiva?

- Is-Sogħla Konvulsiva hi marda li hi kkawżata minn batterji.
- Hi magħrufa bħala s-Sogħla Konvulsiva minħabba kif tinstema' s-sogħla.

## Is-Sogħla Konvulsiva x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

**Is-Sogħla Konvulsiva tista' tikkawża:**

- Infezzjoni fil-pulmun (pneumonia) li tista' twassal għal problemi fil-pulmun tul ħajjithom kollha.
- Aċċessjonijiet.
- Ħsara permanenti fil-moħħ.
- Mewt.

## Kif tinxtered?

- Is-sogħla xxerred il-mikrobi fl-arja li dawn mbagħad jistgħu jinġibdu man-nifs ta' persuna li tkun f'riskju li timrad.

## U dwar it-tilqima?

Il-kors primarju tat-tilqima tas-Sogħla Konvulsiva jikkonsisiti fi tlett dożi tat-tilqima b'intervall ta' xahar bejn kull doża. It-tilqima tingħata fil-muskolu f'kombinazzjoni ma' tilqim oħrajn.



*"Is-Sogħla Konvulsiva tista' twassal għal konsegwenzi gravi. It-tlaqqim jista' jevita l-infezzjoni."*

## 5) Il-*Haemophilus influenzae type b* (Hib)

### X'inhu l-Hib?

Il-Hib huwa tip ta' batterju li jista' jikkawża infezzjoni f'numru ta' postijiet differenti fil-ġisem.

### Il-marda kkawżata mill-Hib x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

- Infezzjoni tal-moħħ tista' twassal għal telf tas-smigħ (persuna tittarraxx), diżabilitajiet li jaffettwaw it-tagħlim, jew mewt (meninġite).
- Infezzjoni fil-pulmun tista' toħloq problemi għat-tfal biex jieħdu n-nifs (pneumonia) u tista' tiżviluppa f'infezzjoni fid-demm (septicaemia).
- Nefħa fil-griżmejn tista' twassal għal problemi serji tan-nifs u anki li l-pajp tan-nifs jibblokka kompletament f'daqqa waħda fejn dan iwassal għal mewt (epiglottitis).
- Infezzjoni tal-widna tista' tikkawża deni għoli u uġigħ kbir fil-widna (otitis media).

### Kif tinxtered?

- Mill-għatis.
- Mis-sogħla.
- Minn kuntatt fil-qrib ma' persuni li jkollhom il-mikrobu fi griżmejhom iżda li huma stess ma jkunux ma jifilħux.

### U dwar it-tilqima?

Il-kors primarju tat-tilqima tal-Hib jikkonsisti fi tlett dożi li huma mogħtija xahar 'il bogħod minn xulxin. Issoltu dan jingħata f'kombinazzjoni ma' tilqim oħrajn u jingħata wkoll *booster dose* fl-età ta' 18-il xahar.

# 6) Il-Mard ta' Pnewmokokku (PD)

## X'inhi il-PD?

Il-Mard ta' Pnewmokokku (PD) huwa mard kkawżat minn batterju.

## Il-PD x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

- Infezzjoni fil-moħħ li tista' twassal għal telf tas-smigħ u ħsara fil-moħħ (meninġite).
- Infezzjoni fid-demm li tista' tikkawża infezzjonijiet serji fil-ġilda, fl-għadam u fil-ġogi (septicaemia).
- Infezzjonijiet fil-pulmun li jistgħu jagħmluha diffiċli biex it-tfal jieħdu n-nifs (pneumonia).
- Infezzjonijiet tal-widna (otitis media).

## Kif tinxtered?

- Mill-għatis.
- Mis-sogħla.
- Minn kuntatt fil-qrib ma' persuni li jkollhom il-mikrobu fi griżmejhom iżda li huma stess ma jkunux ma jifilħux.

## U dwar it-tilqima?

It-tilqima tingħata lit-tfal bejn l'età ta sitt ġimgħat u ħames snin bi n-numru ta' titqib marbut ma' l-età ta' t-tarbija fil-ewwel titqiba.



## 7) L-Epatite B

### X'inhi l-Epatite B?

L-Epatite B huwa vajrus li jikkawża mard tal-fwied.

### L-Epatite B x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

**Is-sintomi ta' l-Epatite B jinkludu:**

- Uġigħ ta' żaqq, nuqqas ta' aptit, dardir u remettar.
- Il-ġilda u l-abjad ta' l-għajnejn jisfaru (suffejra).
- Ħafna drabi ma' jkun hemm ebda sintomi iżda jiżdied ir-riskju ta' problemi fil-fwied li huma serji u ta' kanċer tal-fwied.

### Kif tinxtered?

- L-Epatite B tista' tinxtered permezz ta' kuntatt mad-demm jew ma' fluwidi oħrajn tal-ġisem.
- Mara tqila tista' tgħaddi l-Epatite B lit-tarbija tagħha.

### U dwar it-tilqima?

Iridu jittieħdu tlett dożi tat-tilqima biex persuna jkollha l-protezzjoni kollha meħtieġa. It-tieni doża ssoltu tingħata xahar wara l-ewwel doża. It-tielet doża tingħata ħames xhur wara t-tieni doża.

## 8) Il-Ħożba (*Measles*)

### X'inhi l-Ħożba?

- Il-Ħożba hi kkawżata minn vajrus.
- Tibda bħala riħ b'deni, sogħla, u mnieħer ibblukkat jew inixxi u għajnejn idemmgħu. Ftit ġranet wara joħroġ raxx fuq il-wiċċ u mal-ġisem.

### Il-Ħożba x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

**Il-Ħożba tista' tikkawża mard serju u mewt minħabba:**

- Infjammazzjoni u nefħa fil-moħħ (encephalitis).
- Infezzjoni fil-pulmun (pneumonia).
- Marda rari fil-moħħ li tista' tikkawża diżabilitajiet u li tista' titfaċċa snin wara li l-persuna tkun mardet bl-infezzjoni.

### Kif tinxtered?

- Mill-għatis u mis-sogħla.
- Il-Ħożba hi marda infettiva ħafna u fi tfal li m'għandhomx protezzjoni kontriha hemm possibbiltà kbira li dawn jistgħu jimirdu jekk ikunu esposti għaliha.

## 9) Il-Gattone (*Mumps*)

### X'inhi l-Gattone?

- Il-Gattone hi marda li hi kkawżata minn vajrus.
- Infezzjoni bil-vajrus tal-gattone tirriżulta f'deni, uġigħ ta' ras, u nefħa li tweġġa' ħafna madwar il-parti ta' isfel ta' waħda jew iż-żewġ widnejn.

### Il-Gattone x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

**Il-Gattone tista' tikkawża problemi tas-saħħa serji bħal:**

- Telf tas-smigħ.
- Infezzjoni tar-rita li tiksi l-moħħ/in-nerv li jgħaddi fis-sinsla tad-dar (meninġite).
- Infjammazzjoni tal-qalb, il-kliewi, u/jew il-ġogi.
- Infjammazzjoni tat-testikoli jew l-għenieqed tal-bajd fi tfal li huma akbar fl-età li tista' tirriżulta fi problemi bil-fertilità.

### Kif tinxtered?

- Mill-għatis u mis-sogħla.

## 10) Il-Ħożba Ġermaniża (*Rubella*)

### X'inhi l-Ħożba Ġermaniża?

- Il-Ħożba Ġermaniża hi kkawżata minn vajrus.
- Hi komunement magħrufa bħala "German measles".

### Il-Ħożba Ġermaniża x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

- Issoltu, fit-tfal, il-Ħożba Ġermaniża hi marda ħafifa u tista' tikkawża raxx, uġigħ fil-griżmejn u nefħa fil-glandoli.
- Rarament il-Ħożba Ġermaniża tista' tikkawża problemi kroniċi fil-ġogi fit-tfal li huma akbar fl-età.
- Problemi serji huma aktar komuni fl-adulti.
- Il-Ħożba Ġermaniża hi marda serja ħafna għal trabi li għadhom fil-ġuf u tista' tikkawża ħsara fis-smigħ, fil-vista, fil-moħħ u fil-qalb.

### Kif tinxtered?

- Mill-għatis u mis-sogħla.

### U dwar it-tilqima tal-Ħożba, il-Gattone u l-Ħożba Ġermaniża?

It-tilqim li jagħtu l-immunità kontra l-ħożba, il-gattone u l-ħożba ġermaniża huma kkombinati f'tilqima waħda - it-tilqima ta' l-MMR. Jingħataw żewġ dożi - fl-età ta' 15-il xahar u booster dose meta t-tfal ikunu qabżu t-tlett snin.

## 11) Il-Ġidri r-Riħ (*Chicken Pox*)

### X'inhi l-Ġidri r-Riħ?

Il-Ġidri r-Riħ hi marda li hi kkawżata minn vajrus li jipproduċi raxx bl-infafet u li jġiegħlek tħokk ħafna.

### Il-marda tal-Ġidri r-Riħ x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

- Ħafna każijiet ikunu ħfief iżda l-marda tista' tħalli marki koroh fil-ġilda.
- Il-Ġidri r-Riħ xorta tista' tikkawża mard serju jew mewt.
- Infezzjonijiet serji tal-ġilda jistgħu jirriżultaw minn infezzjonijiet ta' l-infafet li mbagħad jistgħu jinfirxu fid-demm u f'partijiet oħra tal-ġisem.

**F'każijiet rari l-Ġidri r-Riħ tikkawża:**

- Infezzjonijiet fil-pulmun (pneumonia).
- Infjammazzjoni u nefħa fil-moħħ (encephalitis).

### Kif tinxtered?

- Mis-sogħla.
- Mill-għatis.
- Billi tmiss l-infafet tal-Ġidri r-Riħ.

### U dwar it-tilqima?

Żewġ dożi tat-tilqima tal-Ġidri r-Riħ huma biżżejjed biex il-persuna jkollha l-immunità meħtieġa. It-tilqima tista' tingħata meta t-tfal ikollhom aktar minn sena. It-tieni doża tista' tingħata minn 3 xhur wara li tingħata l-ewwel doża.



# 12) L-Influwenza (Flu)

## X'inhi l-Influwenza?

L-Influwenza hi kkawżata minn vajrus. Il-vajrus ta' l-Influwenza għandu tendenza li jinbidel kull staġun. Għal din ir-raġuni t-tilqima ta' l-Influwenza għandha tittieħed kull sena.

## L-Influwenza x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

**L-Influwenza tista' tikkawża:**

- Deni (li ġieli jkun għoli biżżejjed li jikkawża aċċessjonijiet), uġigħ fil-griżmejn, uġigħ ta' ras, sogħla, uġigħ fil-muskoli, nuqqas ta' aptit, u għejja kbira.
- Infezzjonijiet fil-widnejn, *croup*, uġigħ ta' żaqq, remettar, u dijarea.
- Tfal li għadhom żgħar għandhom tendenza akbar li jkollhom jidħlu l-isptar minħabba l-Influwenza milli għandhom tfal li huma akbar fl-età.
- F'ħafna każijiet, it-tfal jirkupraw mill-Influwenza f'temp ta' inqas minn ġimgħa.

## Kif tinxtered?

- Mill-għatis.
- Mis-sogħla.

Mill-idejn għall-ħalq, l-imnieħer jew l-għajnejn wara li jkunu ntmissew qtari żgħar tan-nifs li jinstabu fuq persuna li hi marida jew fuq xi oġġett.

## U dwar it-tilqima?

It-tilqima ta' l-Influwenza toffri protezzjoni eċċellenti kontra l-Influwenza ta' l-istaġun u sservi għal sena waħda. Hi magħmula mit-tip ta' vajrus ta' l-Influwenza li jkun mistenni għax-xitwa li tkun ġejja. Kull sena dan ikun ftit differenti għalhekk tkun trid tinħoloq tilqima ġdida kull sena. Hu rrakkomandat li t-tilqima tittieħed f'Ottubru jew Novembru u t-tilqima tista' tingħata lil tfal ta' 'l fuq minn 6 xhur fl-età.

## 13) Ir-*Rotavirus*

### X'inhi r-Rotavirus?

Kif jagħti x'jifhem l-isem ir-Rotavirus huwa vajrus.

### Ir-Rotavirus x'jista' jagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

- Ir-Rotavirus jista' jikkawża dijarea gravi ħafna, remettar, deni, uġigħ ta' żaqq, u nixfa (dehydration).
- Fit-tfal ta' età żgħira, ir-Rotavirus jista' jikkawża marda serja ħafna li tista' twassal biex ikollhom jiddaħħlu l-isptar minħabba f'nixfa (dehydration).

### Kif jinxtered?

Ir-Rotavirus jinstab fl-ippurgar ta' tfal li huma infettati u faċilment jista' jinxtered lil oħrajn mill-idejn għall-ħalq u billi jintmessew oġġetti li jkunu kkontaminati.

### U dwar it-tilqima?

It-tilqima tar-rotavirus tipproteġi lit-tfal minn rotaviruses, li huma l-aktar kawża komuni ta' dijarea gravi ħafna fi trabi u fi tfal ta' età żgħira. Hi mogħtija bħala qtar fil-ħalq f'żewġ dożi lil trabi fl-età ta' 6 ġimgħat u ta' 10 ġimgħat.



## 14) Meningitis C

### X'inhi l-Meningitis C?

Din hija waħda mit-tipi ta' meninġite li hi kkawżata minn batterju.

### Il-Meningitis C x'tista' tagħmlilhom lit-tfal tiegħi?

- Il-Meningitis C tikkawża marda serja li tinkludi deni, uġigħ ta' ras gravi ħafna, remettar, aċċessjonijiet u li persuna tintilef minn sensiha.
- Tikkawża infjammazzjoni fir-rita tal-moħħ u tista' twassal ukoll għal infezzjoni fid-demm.
- Tista' tirriżulta f'komplikazzjonijiet serji bħal telf tas-smigħ, problemi fl-iżvilupp mentali, aċċessjonijiet, qtugħ ta' xi parti mill-ġisem (amputations) u anki mewt.

### Kif tinxtered?

- Permezz ta' għatis jew sogħla.
- Permezz ta' kuntatt fil-qrib speċjalment f'postijiet fejn hemm ir-rassa u fil-magħluq.
- Permezz ta' kuntatt fil-qrib ma' nies li jkollhom il-mikrobu fi griżmejhom iżda li huma stess ma jkunux ma jifilħux.

### U dwar it-tilqima?

Din it-tilqima tipproteġi kontra l-Group C meningococcus biss u mhux kontra l-Group A jew B meningococcus. It-tilqima tingħata fl'età ta' xagħrejn u ta' erba' xhur u *booster* li jingħata fl'età ta' tnax il-xahar. It-tfal ta' età aktar minn sena jingħataw doża waħda biss.



## 15) HPV

### X'inhi l-HPV?

- HPV tfisser Human Papilloma Virus.
- It-tilqima tingħata lil tfajliet adolexxenti meta jilħqu l-pubertà.

### L-HPV x'tista' tagħmlilha lit-tifla tiegħi?

L-HPV tista' tikkawża kanċer ta' l-għonq ta' l-utru fin-nisa kif ukoll felul fil-ġenitali.

Il-bniet ikunu f'riskju hekk kif isiru attivi sesswalment. Xorta għandhom isiru l-ismear tests avolja mara li hi sesswalment attiva tkun imlaqqma għaliex it-tilqima ma tipproteġix kontra t-tipi kollha ta' kanċer ta' l-għonq ta' l-utru li jeżistu . Staqsi lit-tabib tiegħek sabiex itik aktar informazzjoni u pariri.

### Kif tinxtered?

L-HPV tinxtered permezz ta' kuntatt sesswali.

### U dwar it-tilqima?

L-istudji juru li t-tilqima ta' l-HPV hi effettiva ħafna biex twaqqaf l-iżvilupp tal-kanċer ta' l-għonq ta' l-utru. It-tilqima tidher li taħdem aħjar f'nies li jitlaqqmu meta jkunu iżgħar fl-età, qabel ma jibdew ikunu attivi sesswalment, milli meta tingħata lil adulti. Madanakollu, it-tilqima ta' l-HPV xorta ma' tipproteġix kompletament kontra l-infezzjoni bl-HPV. M'hijiex kura għall-HPV. Studji juru li t-tilqima ta' l-HPV hi effettiva kontra l-HPV sa sitt snin wara li tingħata.



# Kif tista' tneħħi l-"ajma" mit-tilqim

Hawn għandna ftit suġġerimenti li jistgħu jgħinu sabiex it-tilqim iweġġa' inqas lit-tfal tagħkom u jkun ta' anqas inkwiet għalikom.

## Ibqgħu kalmi.

Peress li t-tfal jindunaw meta tkunu imdejqin jew nervużi, ippruvaw żommu rwieħkom rilassati u kalmi sakemm tkunu għand it-tabib jew fil-klinika. Jekk tħossukom nervużi, ftakru ħudu ftit nifsijiet fil-fond.

## Żommu t-tfal okkupati.

Hi ideja tajba li tieħdu xi ktieb magħkom għand it-tabib. Sakemm it-tabib jew l-infermiera jagħtuhom it-tilqima, aqraw lit-tfal b'vuċi kalma. Jekk m'għandekx ktieb, irrakkonta storja, għamel uċuħ tad-daħk, jew għamel xi ħaġa oħra li ġġiegħel lit-tfal tiegħek jitbissmu!

## Oqgħodu qrib tat-tfal tagħkom.

Saqsu lit-tabib jew infermiera jekk tistgħux iżżommu lit-tfal tagħkom fuqkom jew tistgħux tmellsulhom darhom waqt li jkunu qedin jitlaqqmu. Meta jħossu lil xi ħadd li jħobbhom imisshom it-tfal jistgħu iżommu aktar kalmi.

## Ħudu l-ħin tagħkom.

Jekk it-tifel jew tifla jkunu mdejqin wara li jingħataw it-tilqima, ħalluhom jikkalmaw għal ftit minuti qabel ma titilqu mill-uffiċċju. B'hekk, it-tfal tagħkom ma jkunux beżgħana meta jerġa' jmisshom vista għand it-tabib jew l-infermiera li tagħti t-tilqim.

**Evita • Ipprotegi • Laqqam**